Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Alexandra Farrugia Mamo)

vs

Karl (Karl Joseph) Camilleri

Illum 24 ta' Ottubru, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Karl Camilleri, iben Joseph u Maria Antonia Agius, imwieled Sliema fis-26 ta' Frar, 1971 u ghandu karta tal-identita Nru 113471(M) illi permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda :

a) ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet disposizzjonijet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni tal-firem tad-Diretturi tal-Capua Palace Ltd, Phyllis Farrugia, Benjamin Muscat u persuni ohra, fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta u banek ohra u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza u dan bi ksur ta' l-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra u cioe' cekkijiet tal-Bank of Valletta u banek ohra, illi meta jigu ipprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depoziitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment

pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli ghamel uzu mill-istess karti imsemmija u dan bi ksur ta' l-Artikoli 167 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn LM7,000 bi hsara ta' Capua Palace Ltd, Bank of Valletta u diversi persuni u bi ksur ta' l-Artikoli 308 u 309 u 310 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Talli approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' ha cheque book tal-kumpanija Capua Palace Ltd u ghamel uzu minnu u dan ir-reat sar minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew

servizz tieghu, jew minhabba depozitiu necessarju bi ksur ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti;

Rat il-provi kollha li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2001;

Ikkunsidrat :

Illi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi u dana waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2001 il-Qorti issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dana wara illi rat l-Artikoli 167, 169, 183, 184, 308, 309, 310 (1), 293, 294 u 17 tal-Kap. 9;

Il-Qorti ikkundsidrat ghall-fini ta’ piena l-fatt illi l-imputat fuq imsemmi ghandu fedina penali netta kif ukoll illi dahal fi ftehim mas-socjeta’ Capua Palace Limited u permezz ta’ dan il-ftehim iffirmat mill-imputat fuq imsemmi kif ukoll minn Tonio Farrugia ghall-Capua Palace Limited l-imputat hallas bhala pagament finali lil Capua Palace Limited is-somma ta’ hames telef liri Maltin (LM5,000).

Illi effettivament xehed Tonio Farrugia waqt is-seduta tad-19 ta’ Ottubru, 2001 u informa lill-Qorti illi l-imputat kien hallas l-ammont kollu dovut minnu lis-socjeta Capua Palace Limited u Tonio Farrugia xehed ukoll illi Capua Palace Limited ma kellha l-ebda interess aktar f’dawn il-proceduri u li kienu qeghdin jahfru lill-imputat ta’ dak illi kien ghamel.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi il-Qorti tara illi piena karcerarja ma tkunx idonea ghall-akkadut. Madanakollu r-reati kommessi mill-imputat huma ta’ natura serja. Ghaldaqstant il-Qorti sejra tikkundanna lill-imputat wara li rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap 9 ghall-prigunerija ta’ 14 il-xahar sospiza ghall-tmintax il-xahar mil-lum.

Il-Qorti qeghda tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu taht l-Artikolu 28 B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur